# Lehen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

BIL-ĦERQA TA' MĦABBITNA MAĦDUM IL-MALTI
JIKBER, JITQAWWA U B'WARD SABIĦ IHEĠĠEĠ

The Royal University of Malta

**Il-Ħames Sena** **Sett.-Ottubru 1935** **Għadd 55-56**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

SETT. u OTT. 1935] IL-ĦAMES SENA [Għadd 55 u 56


## L-ANTOLOĠIJA TAGĦNA

Ilna żmien twil inwiegħdu din l-Antoloġija u naħsbu li l-qarrejja bdew jaqtgħu qalbhom li jarawha f'idejhom. Għaddiet sena, għaddew tnejn, għaddew iżjed, u l-kliem, igħid xi ħadd minn warajna, baqa' kliem, u t-twegħid safa fix-xejn. Imma aħna stqarrejna mill-bidu li x-xogħol, kif ħsibnieh aħna f'moħħna, hu xogħol tqil u twil u li miegħu rridu nlaħħqu x-xogħol iebes tal-iskola. Barra minn dan, għal xogħlijiet kbar bħal dan xi tfixkil minn hawn u minn hemm ma jonqos qatt. Għalhekk domna aktar milli ridna.

Illum sa fl-aħħar, wara aktar minn sentejn ħedma bla hedu, nifirħu nħabbru lill-qarrejja tagħna li l-ewwel ktieb tal-Antoloġija ma jdumx ma joħroġ, aktarx f'Novembru-Diċembru. Sa tkun imqassma fi tliet kotba bi 800 faċċata, kull wieħed akbar u ogħla minn ta' qablu. L-ewwel wieħed ikun fih xi 200 faċċata, bi proża u poeżija, b'noti qosra ma' kull biċċa li juru l-ħsieb tal-kittieb, it-tifsir ta' xi kelma tqila, il-ġmiel ta' xi vers li mhux kullħadd iħossu, u xi nuqqas fis-sengħa tal-kitba. B'hekk irridu mhux biss inħarrġu ż-żgħażagħ fil-qari ta' kitba sabiħa u mirquma, imma rridu wkoll ngħallmuhom jagħżlu l-qamħa mill-karfa tal-kitba Maltija u nnisslu ġewwa fihom dak il-*ħass tas-sbuħija*, li jġegħilhom iħossu l-ġmiel tal-kitba, jinġibdu lejh, itegħmuh, iħobbuh u jitgħaxxqu bih.

Il-għażla tal-kitba mżewwqa kemm stajna nżewwquha. Xi drabi sibna ruħna ftit imfixklin fit-tiżwiq, għaliex il-letteratura maltija tixbah lil ħammiela xitel li mhux kollha għadhom ħarġu l-warda u li x'uħud minnhom għadhom anqas ma nibtu. Hu xinhu għamilna ħilitna biex xogħolna joħroġ mill-aħjar, u jekk inqasna nitolbu l-qarrejja żgħażagħ jibqgħu jaħdmu huma l-ġnejna tal-Malti biex trodd ward aktar u isbaħ, u biex iżjed imżewwqa tkun il-għażla ta' ward li ħadd ieħor warajna jkun irid jiġbor.

# WARD TA' QARI MALTI

MIĠBUR

**MINN P. P. SAYDON**

U

**MINN Ġ. AQUILINA**

Għall-Għaqda tal-Malti (Università)

L-EWWEL KTIEB

1935

# IL-MEWT U L-FUNERAL TIEGĦI

Kienet qorbot il-festa tar-raħal u x-xogħol beda jross. Kien għad baqâli nagħlaq xi mitejn murtal oħra tal-bomba u tal-berqa u ħamsin tal-ftuħ. Dak in-nhar, is-Sibt, battalt mix-xogħol u għamilt minn fil-għodu sa fil-għaxija naħdem fil-murtali, inħallat u nkejjel, nobrom u norbot. Xħin erfajt mix-xogħol, daħħalt kollox ġod-dwejra u qfilt biex nitlaq lejn id-dar. Kont għadni ma qlajtx il-muftieħ xħin nisma' fixx. . qrib tiegħi. Indur u nara xi qasbtejn bogħod minni daħna tielgħa. X'kien? x'ġara? tâtni telfa ta' moħħ, qabditni rogħda, ħedla; ridt niġri 'l barra u ħassejtni bla saħħa, riġlejja donnhom imsammrin ma' l-art; ridt nara ħallejtx xi ħaġa barra li tista' tqabbad kull ma hemm, imma għajnejja donnhom iddallmu; intlift.

Id-daħna ma damitx ma għabet u ma ħassejt xejn aktar madwari. Dik id-dehxa li ħadt bdiet tonqos; bdejt inħoss tiġini l-qawwa f'riġlejja; id-demm reġa' beda jiġri ma' ġismi, u jien dort dawra mal-bitħa tax-xogħol biex nara x'kien li qabad. Xi nsib? Fuq biċċa għuda kelli xi ftit stilel ħodor li kont għaġint-hom ftit qabel u ħallejthom hemm jinxfu; jew bis-sħana, jew ma nafx biex, qabdu. Dan kien kollu. Ħaġa żgħira. Imma minnufiħ ftakart li ftit qabel, hemm ħdejn dik il-għuda bl-istilel kelli landa b'wiżna putassa u ħafna taħlit, u qrib minnha xi tletin murtal lesti minn kollox, u l-bieb tad-dwejra mimlija bħal bajda, kien imbexxaq. X'kien jiġri kieku dawk l-istilel qabdu ftit qabel?

Xħin għaddietli l-qatgħa, tlaqt lejn ir-raħal. Mort il-Każin, xrobt mogħla subgħajn brandi u, biex inderri, bdejt ngħid lill-ħbieb xi ġrali u x'kien sa jiġrili. U kemm domt mal-ħbieb derrejt u nsejt kollox. Iżda xħin mort biex norqod moħħi reġa' xegħel f'daqqa waħda. F'dik il-ħemda tal-lejl il-ħsieb, bla ma rrid u bla ma nista' nżommu, kien imur hemm fejn kont naħdem in-nar u jsammarli quddiem għajnejja kull ma seta' jiġrili dak in-nhar. U la għax nitqalleb, u la għax inqum bil-qiegħda u la għax infittex li naħseb fuq ħwejjeġ oħra, ma setâx jidħol ngħas f'għajnejja.

. . . . u stħajjiltni hemm qiegħed naħdem. F'daqqa waħda tifqigħa kbira li triegħed dawk l-inħawi kollha. U ilsna ta' nar

jiġru, u ħaġar u laqx jittajjar u ġismi mtertaq biċċa, biċċa. Mattifqigħa n-nies tistaqsi x'ġara; min joħroġ fil-bieb, min jitla' fuq il-bejt. Tinxtamm rieħa ta' putassa maħruqa u tidher daħna kbira, sewda, magħquda. Bħal leħħa ta' berqa tiġri l-aħbar li qabad il-maħżen fejn jinħadem in-nar. Irġiel u żgħażagħ jitilqulha jiġru 'l hemm, imma jieqfu ftit fil-bogħod għax jibżgħu li għadu ma ħâx in-nar kollox.

U jien mixħut hemm fl-art, maħruq, misluħ u mtertaq bċejjeċ li anqas biss ma ningħaraf. Fost it-tgeġwiġ ta' dawk ir-rġiel bdejt nisma' min jibki u jixher. Kienet ommi, kien missieri, kienu ħuti li min jaf kemm il-darba wissewni li dak ix-xogħol ma kellix xi rridu. U jien bqajt dejjem trux għat-twissijiet tagħhom!

Ftit wara ġiet il-pulizija, s-surġent, l-ispettur u ta' fuqu. Bdew jistaqsu u jistħarrġu lil dan u lil dak biex jaraw kif sar il-ħruq. Imma ħadd ma għaraf jagħti l-ebda dawl. U kif setgħu jagħtu, jekk jien kont waħdi? Imbagħad ġiet il-karozza; lilj ġabruni mill-art u niżżluni 'l isfel għal fuq l-irħama ġol-kamra tal-mejtin.

Dak il-lejl saret laqgħa tal-Kumitat tal-Każin biex jitħaddtu u jiftiehmu x'funeral sa jagħmluli. U jien stħajjiltni hemm f'nofshom, qiegħed nismagħhom bla ma nidher. "Jaħtieġ nagħmlulu funeral mill-isbaħ, għax kien wieħed mill-aktar li jaħdmu għall-festa;" qal wieħed. U żied ighid ieħor: "Jien b'rajja mmorru nilqgħuh f'tarf ir-raħal, u nimxu wara t tebut, l-ewwel aħna tal-Kumitat, imbagħad tal-Banda bl-istendardi, imbagħad il-ħbieb tiegħu. U jerfgħuh tal-Każin." "U jekk ma jerfgħuhx huma, inġibu erba' bekkamorti flok ir-reffiegħa tar-raħal, u erbgħa bl-intorċi." "Il-Każin idum tlitt ijjiem b'bieba waħda magħluqa u bil-bandiera mniżżla." U smajt kollox x'qalu, u rajt kemm tħassruni u kemm għelew għalija.

L-għada fil-ħamsa ta' wara nofs in-nhar kien il-funeral tiegħi. Sa minn siegħa qabel bdew jinġabru 'n-nies fit-triq kollha, minn tarf ir-raħal sal-Knisja. Irġiel, nisa, tfal kullħadd irid jaranj għaddej u jagħtuni l-aħħar tislima. Stagħġibt b'din it-turija kollha ta' ġieħ, li ma nafx b'liema jedd kienet tistħoqqli; imma l-mewt taż-żagħżugħ tbikkik aktar mill-mewt tax-xiħ, u jiena għaraft li dik il-ħasra hija aktar għal żgħożiti maħsuda ħesrem, inkella għalija n-nifsi.

Fuq spallejn erba' ħbieb tiegħi, għajnejhom ħomor bid-dmugħ, għaddejt għall-aħħar darba mit-triq tar-raħal. Dehirli nisma' n-nisa jitħassruni u jgħidu: "Jaħasra, kif kellu jispiċċa! Il-bieraħ bħal issa din xejn ma kellu ħsiebha! Miskina dik ommu! U kemm kien iħobbha l-festa! Is-sena mħabba fih mhumiex sa jagħmluha l-festa!"

U mexjin bija kemm kemm jitħarrku, kullħadd b'għajnejh lejn l-art u bil-ħasra f'wiċċu. Fl-aħħar għaddejna minn quddiem dar, li qatt ma kont ingħaddi minn quddiemha bla ma nara 'l xi ħadd jidħakli mill-bieb jew mit-tieqa. Imma issa l-bieb u t-tieqa magħluqin, ħadd ma hemm jistennieni biex jidħakli u jgħidli xi kelma ħelwa bis-serqa; biss nisma' twerżiqa ta' xebba li ħasditni...

U ma' dik il-ħasda stenbaħt mit-tħewdin tiegħi, u fraħt li sibt ruħi mimdud fuq friexi.

M. A. Bonnici.

# AMOR PATRIÆ

*Lil* Ġużê Aquilina B. A.,
*l-aħjar Ħabib Tiegħi.*

Tgħib siekta l-ħajja.... fuq ix-xefaq jofroq
għaddej il-Qlugħ għajjien mid-dinja mwiegħra;
fejn riesaq ħiemed, fost in-nar u d-dmija,
bħal ruħ tibki żgħożitha? Firxa baħar
dwaru biss tingħi, xejn sabiħ ma jħajjru
la sliem, la għana ta' xbejbiet ferrieħa,
la qawwa ta' dirgħajn, l-anqas ta' fehma,
'ma sħiħ fi ħsiebu jgħib ġo wisa' dalmi

lil-hinn mill-għaxqa u l-ġmiel ta' l-aħdar niedi,
l-hinn mit-tgħanniq tal-mewġ mal-blat u x-xtajta,
jaħrab iż-żmien, id-dinja, kull ma fiha;
fil-għoli s-sħab sewdieni jbiċċer ruħu,
jinżel jibki fi dmugħ; il-Mewt qerrieda
bil-ħars qalil—ġe' fih ħaqrien u nkejja—
tistenna l-ħin: fil-bgħid, taħt trîq is-sema
għaddejja, bla rajj magħhom, qatgħa għasafar.

Sliem għalik, Art ta' ġmiel, għamara mqaddsa,
xefaq imdawwal ta' ħelsien u rebħa,
art ta' fiersa u ġellieda qalbenija,
nisel ta' saħħa w hena—s-sliem għalikom!
.... Jien naf kemm wara biebek ġlied bil-qtajja'
nissel taħwid, naqqas minn ħeġġet ruħek,
xejjen il-ħolma sbejħa kemm ħanina
ta' nies ferħana bl-aħjar snin ta' ħajjthom,
.... Jien rajthom fuq l-iswar, għajnejhom jibru,
sidirhom jilheġ ma' kull nifs, tilfiqa
minn fommhom ma toħroġx, anqas tnehida;
marbutin biss mar-rieda ta' l-imħabba,
bil-għatx tar-rebħa, qalbhom qalb qawwija,
qamu w iġġieldu. Kif ix-xmara timla,
tfawwar 'il-hinn u 'lhawn, hekk demmhom xtered...
oh, dak id-demm, ħaraġ tal-fidwa tagħna,
għajn safja żżernen, tnixxi sebħ u barka!....
Għaddej il-Qlugħ—il-Mewt turi t-trîq tiegħu—
bil-karba mnikkta ta' wlied morda mweġġgħa,
mgħobbi taqdir erwieħ ħerġin mill-ħajja,
xħin minn Sant'Jiermu sbejjaħ leħen jidwi,
anġli ta' rebħ fis-sema geġwiġija,
talb f'San Lawrenz, ħlewwa fil-qlub għatxiena
is-serħ u l-kenna: reġagħ dawl l-imħabba
jixgħel fl-għajnejn, u jsawwab hena ħelu
aktar mill-mirra safja u mill-għasel,
.... fil-bgħod il-bgħod ix-Xemx qed tfiġġ sabiħa.

Ferrħet l-Ewropa: ħajr u sliem lil Alla!
Kull traba tfaħħar fik, Malta ħanina,
l-ħila ta' wlied li għandhom mill-iljuni:
stenniehom l-għadu fuq il-prexxa, mgħaġġeb
bil-għadd hekk żgħir, bil-ħila hekk qawwija,

bla star ta' dieq f'ħaddejhom, u bla biża
resqin ħa jmutu f'isem Malta u Alla:
iltiema sfaw l-ulied, u x-xbejba mnikkta,
f'għajnejha, qalbha bl-hemm u l-biki w l-għomma,
ħarset u fittxet fuq l-iswar, miblugħa
râtu minxur ma' l-art il-maħbub tagħha
mgħarrar fid-dmija, fuq xuftejh tbissima
u ħarstu ħiemda l'hinn lej' x-xefaq ħiemed....
xhieda ta' mħabbiet akbar m'hemmx fil-ġrajja
ta' Greċja w Ruma!... xejn ma swiet is-saħħa
li għalbet f'Rodi d-dehen tal-kavalieri,
u kitbet storja fuq l-imrammi mfarrka
ta' swar qawwija, xejn ma swiet l-għajnuna
ta' Pluton u ta' Dite, t-tnejn xewqana
stennew jum ir-rebħiet għall-mislem ħajjen,
għax taħt il-fehma kollha ħila w qawwa
ta' nisa w żgħażagħ sħaħ fl-imħabba tagħhom,
inħbiet il-għira w għab il-għadu, miegħu
waqa' s-sanġakk minn nofs qamar imbewwes....

.Fejn huma l-oqbra w fejn il-monumenti,
tifkira xierqa ta' min ħaddem ħajtu
għall-ogħna rebħa fil-ġrajja ta' ġensna?
Nersqu bir-rand, nersqu b'qalbna nadifa
w inxerrdu dmugħna hemm fejn kulljum taħsel
bid-dija tagħha ix-xemx, u s-siġar jgħannu
fis-siegħat ħelwa tar-rebbiegħa hienja
l-għanjiet tar-rebħa, wirt qaddis għalina;
hemm fejn id-demm inxtered, illum tirfes
u tgħaddi l-mara tħaddan tfajjel ċkejken:
omm twajba, tħobb 'l ibnek? Għallmu s-sewwa,
kattar fih l-hena ta' l-imħabba, u għidlu:
"X'qatt tiswa ħajtek jekk il-ġid ma tagħraf
li s-Sema jibgħat u li tibgħat Artek?"

Ħajja mimlija bl-għajb ma tistax tħenni,
fis-skiet ta l-oqbra u ċ-ċipress jitniehed,
il-għadam rieqed f'raqda għażżiena w ħiemda.
Għadha sħiħa t-tifkira ġewwa Sparta
meta t-Tlett Mija, f'lejl bla dawl u kwiekeb,
ħarbtu l-egħdewwa; l-għajta tagħhom għadha
tidwi fil-versi li mas-snin dewwiema

ma jmutu qatt; oh ! Musa sbejħa, inti
kebbes fir-ruħ il-ħsieb, fil-qalb l-imħabba
lejn art twelidna; ġewwa l-kotba mqaddsa
ħalli l-poeti tagħna ħsiebhom jgħannu
bil-kelma xrara. X'jista jsebbaħ aktar
gżiritna l-ħelwa, mill-għanjiet ħemdija
li l-qlub irattbu ? Ghanni, o poëta,
l-għanja li toħroġ sfiq mad-demm ta' ħajtek,
issellef mill-ħolqien tal-ward il-ħmura,
tal-ward li jaf il-ġrajja kemm hi kbira,
w israq il-leħħa f'dawl il-kwiekeb sbejħa
li jilmaw hienja fis-smewwiet t'Awwissu.
Għanni poëta : ismek jibka għal dejjem
maħżuż fil-qalb ta' wliedna—ismek ħlejju !
semmagħna l-għanja kbira ta' min kattar
man-naħiet kollha l-ġieħ u s-sebħ maltija
u l-lum f'Art l-Hena ħajtu—ħajja mbierka—
qed jgħaddi hieni. Jien fi ħsiebek nara
bħal dija tielgħa minn qalbek għal ruħek,
u f'dik id-dija, ġewwa ħabs imsakkar
xwejjaħ qassis, ġwejjed, bla lewma f'fommu....
min hu, l-miskin ? b'ittri tad-deheb jien nilmaħ :
*Dun Gejt* !... u Malta tħares lejh ħanina
b'ħars kbir ta' tjieba u ta' mħabba għânja.
Qalbu bħal kewkba tlebleb f'sema safi,
weħidha turi t-trîq, taqsam in-niket
ta' min, biex jaqla' ħobżu, jgħum il-baħar;
ilsienu jaqta', dawl it-tama sbejħa
ma tafx ir-rażan la ta' ġlied u kedda,
fuq ħsiebu bħal qawsalla tiddi Malta.
Għalxejn, Dun Gejt, tfittex ħawnhekk il-ħeġġa,
tgħarrex fi qlubna n-nar ta' l-egħmil tajjeb;
id-Din f'sidirna bired, fuq ħaddejna
tbissima tixgħel ta min marrad ruħu
bil-ħama tax-xewqat ! Hawnhekk il-Ħjiena
toktor kulljum w aħna, imsejkna ! għomja
ingħodsu fl-ilma li mal-mewġ tal-ħajja
jasal sa ħdejna mid-dlam sfieq t'Akrònti....
hawn miet is-sliem u r-radd ta' ħajr u hena....
in-nisa le ma jqattgħu xgħarhom, jixhru
bħan-nisa ġewwa Troja : dik telfithom
kienet telfa ta' ġieħ u nisġet storja

tad-demm u s-sebħ, għal dejjem żmienha jibka;
Imma telfitna?... kif il-għażż ħassarna....
Arġa, Dun Ġejt, arġa lejn qabrek sieket
u demgħa la xxerridx · ħtija mhix tiegħek
l-anqas ta' żmienek m'hi, hija biss tagħna.

Id-dinja tâtna wisq; illum jew għada
jidbiel il-ħars fuqani u ta' mħabba,
idub il-bews, tintemm id-daħka rżina,
jingħalqu ħbub għajnejna f'raqda siekta...
iżda jaħasra! fuq it-trîq imwarrda,
wirt xogħol ħabrieki ta' misserijietna,
ħidma mirquma bl-id, bil-ħsieb imsaħħa,
le aktar ma jfewwaħ il-ward bellusi;
f'idejna x-xitla dbielet, u werqitha
ma' l-art sfât mejta safra; fuq qabarna
għalfejn l-irħam iġib isimna w jgħożżu,
jekk ta' ħajjitna rmejna s-sedq u s-sewwa?
Hi din il-gżira fejn il-ġenna kienet,
fejn kollox irodd ħajr u sliem u barka?
Fejn huma s-saħħa w l-egħruq li bnewha?
Mietet il-qawwa? miet l-iben rebbieħi?
Qatgħa sabiħa l-mantar li għattieha,
illum libsa qadima mingħajr għaxqa,
dliel xgħarha ħodor bir-rand u l-balluta
kienu mar-rjieħ jilagħbu, l-lum parrokka
biss tiksi r-ras qargħejja. Din hi l-art,
darba xbejba fuq ruħha? Għidli żagħżugħ,
demm malti safi, xhud ta' l-akbar ġlieda:
intfiet ix-xrara li kebbset ħaddejkom,
li kissret l-għodda ta' l-egħdewwa mqita,
u fuq is-swar, fuq il-għoljiet, fl-irħula,
fil-qalba ta' l-ibliet felħana f'hemmhom,
kitbet ġrajja bid-demm? intfiet ix-xrara,
kollox tgħajjeb fina: ħlewwiet u mġiba.
Kemm kien ikun aħjar, Malta ħanina,
waħdi jien għixt fiż-żmien imbiegħed t'ilu,
ħieles mid-dinja u mill-għajn għarriexa;
fuq xtajta kont nitliegħeb, jien u l-baħar,
la naf id-dieqa l-anqas x'tati 'l Arti;
tasal il-mewġa: fin-namra mal-plajja
tgħid x'għandha f'qalbha, l-imħabbiet u l-hena;

jidħku s-Sireni, s-sema jidħak magħhom
u donnu jiddi fil-ħars kbir t'għajnejhom,
leħenhom jirgħa mal-fewġiet bikrija.

Ninsa? kif ninsiek nista, ja art twelidi;
minn fommok jien erdajt in-nifs tal-ħajja,
w ommi semmieli, fis-sahriet tal-lejla
meta tfajjel nixxaħxaħ kont ġo n-nieqa,
l-għanja li saret *jien*, l-għanja maltija;
u rrid il-lum kieku ngħanniha, sbejħa
kif dehret lili f'dawk il-jiem ta' seħer,
lill-maltin ħuti... tfur minn ruħi w terġa
għal ħdejja tingħi... dik il-għanja mbierka
sabet il-qlub maħżuna bl-għajb u l-ħsara,
u b'riħ in-niket kemm jitmelles fejnha
reġgħet għal miegħi. X'jiswa li x-xemx tiddi
fil-bgħod il-bgħod jekk dwarna d-dlam isaltan
u s-sħab għaddej ġo s-sema ta' ħajjitna?

Dun Mikiel Xerri, xemx tassew maltija,
int tagħmel sehem kbir mill-għanja tiegħi,
għax għandu leħnek il-benniet għaslija
li l-qlub ituq bħall-faraġ f'ruħ marida
—leħnek jimraħ il-fuq mill-oqbra mdejqa,
iħeġġeġ fina d-dawl, u jorbot qlubna.
Int mgħallem, int sultan w int malti safi,
fuq wiċċek, lewn il-warda, rajt il-ħmura
ta' mħabba sħiħa tikbes, u fuq fommok
tfewweġ ħanina l-fewġa ta' kliem għoli:
int għaraft 'l Alla, għajn ta' sliem u barka,
ħniena li tmexxi b'id tas-sewwa d-dinja;
għal Malta bkejt, għax xejn aktar ma jnikket
ħsiebek ileħħ bħal dawl ix-xemx bit-tama,
mill-ħsieb qalil, ħiemed imma ta' ħsara,
ta' min fittex il-ġlied bejn aħwa m'aħwa.
Ħiltek sabiħa ħelset gżira sħiħa,
kelmtek mixgħula, mħeġġa bl-oħla dija
le, le ma tintefiex, sakemm ġo fija
tiġri l-mewġa ta' demm u r-ruħ ma tati
l-aħħar tislima tagħha, f'din għanjieti
int issaltan għal dejjem: kelmtek sbejħa
li ma taħmilx la għażż, la semm la frugħa,

tidwi fil-qlub, tqajjem 'il Malta rieqda,
lejn Alla, l-ogħna risq, mill-ġdid tarfagħna.
Jien nistħajjilni, wieħed, fuq il-għolja
taż-żmenijiet, ngħarrex bi ħsiebi l-baħar:
lill-hinn ħuġġieġa ta' nirien u dija,
l'hawn ilma mejjet mingħajr ġmiel u ħajja.
U jien niftakar meta kiebi u ħiemed
ma' l-għabex jgħib il-jum ġo l-għarb ħamrani
fil-ħila ta' l-imgħoddi, nara fiha
kotra qalbiena daqs ta' Sparta w Ruma.
Min qatt ma ra fis-skiet qabri ta' moħħu
dawl-il-warrani, jew fl-iljieli mdallma
sahar fuq il-qotba għajjiena, minnhom rawwem
karattru ġieħi bħal ta' niesna l-qodma
hu jaf il-morr u l-frugħa ta' ġo daru,
'ma x'hemm fil-bgħod taż-żmien, il-ġmiel u l-fejda,
hu qatt ma jilmaħ, għax id-Dlam fi ħsiebu
jgħix bħal sultan sakemm, f'għajnejh midbiela
jilmaħ ħabiba l-Mewt taħfnu f'dirgħajha.
Tinsiex l-imgħoddi, Malta,.... lill-hinn tilmaħ
miktub fis-sema r-rebħ li wettaq drieghek;
ražžan qalbek, u t-trîq ofroq tas-sewwa,
fuq ħsiebek ħalli tiddi x-xemx tal-ħajja.

Ġużi Chetcuti.

# L-EWWEL WIRJA TA' GHERFI

Sa fl-aħħar wara ħafna tiġbid mil-lum għal għada, wara ħafna biża' u taqtiq ta' qalb, wara ħafna nfiħ fis-sħana ta' Lulju, sa fl-aħħar ħlist mill-eżamijiet, u ħlist b'wiċċ il-ġid. Ħadt nifs twil! Min għadda minn dal-baħar biss jaf x'jiġifieri tgħaddi l-btajjel tas-sajf, ħieles minn kull ħsieb ta' kotba, ta' tagħlim ta' eżamijiet, tiġri u titmieraħ mal-ħbieb minn fil-għodu sa bil-lejl. Fraħt u miegħi feraħ kullħadd id-dar, għax lili kienu jistennew biex nitilqu għal San Pawl il-Baħar.

U tlaqna dak in-nhar fil-għaxija mill-Belt moħmija mis-sħana ta' Lulju lejn ix-xtajta ta' S. Pawl il-Baħar. L-anqas ilħaqna wsalna li ma darux magħna kemm ġirien u ħbieb kellna hemm-hekk, jifirħu bina u jistaqsuna elf ħaġa. Minn dak il-ħin bdejt il-ħajja li kellha tnissini t-taħbit qalil ta' disa' xhur skola u xahar eżamijiet.

Jumejn wara, xi siegħa qabel inżul ix-xemx, mort nagħmel żjara lil Ġanni ta' Nardu, bidwi ħabib tagħna, li kellu r-raba' tagħna, li kien joħdilna ħsieb id-dar fix-xitwa u jiġi jaqdfilna meta noħorġu nistadu, u kellu r-razzett taħt il-għolja tal-Wardija. Malli dħalt mix-xatba 'l ġewwa, narah ġej lejja, għajnejh jiddu bil-ferħ u fommu jitbissem, u minnufih bdiet nieżla fuqi xita ta' tislim u mistoqsijiet: "Ara s-sinjur! Mela ġejtu! Meta ġejtu? Kif int? Kif inhu l-papà? Il-mamà tajba? Kullħadd tajjeb? Domtu ma ġejtu! Kemm ilni nixtieq narakom!" Wara ftit ġiet wkoll Żeża, mart Ġanni, u magħha xita oħra aktar sfiqa ta' tislim u mistoqsijiet, li għalihom weġibt fil-qasir: "Kullħadd tajjeb! Ġejna l-bieraħt l-ula."

Xħin birdet ftit dik l-ewwel ħeġġa tal-laqgħa tagħna, Ġanni tellâni fuq, fis-setaħ. Żeża ġebitli siġġu minn ġol-għorfa, qiegħu tal-għuda: hi qagħdet fuq xkora nofsha mimlija bil-ful jew bix-xgħir, ma nafx; Ġanni nxteħet fl-art b'saqajh mimdudin quddiemu, u tifla ta' xi seba' snin fl-art ħdejn riġlejn ommha.

—U hekk, sur Dward! beda jgħid Ġanni, aħna dejjem hawn nitħabtu biex nieklu loqma ħobż. Imma r-raba' das-snin qiegħed jagħtina fuq wiċċna wisq.

Kullħadd jitħabat fid-dinja, weġibtu jien, min f'ħaġa u min f'oħra. Inti titħabat fir-raba' u jien nitħabat fl-iskola.

—Hekk hu! Issa kemm baqâlek biex tilħaq tabib, sinjur?

—Sena oħra. Bħal daż-żmien sena, jekk Alla jrid, inkun tabib.

Alla jbierek! U kif igħaddi ż-żmien! Niftakrek daqsxejn ta' tifel ta' xi sitt snin jew sebgħa u 'l oħtok li kellha xi tmien snin, tiġru u taqbżu donnkom żewġ friefet, tidħku u tinbxu 'l xulxin. Darba kontu sa tgħalluni. Kontu hawn għandi t-tnejn, inti mort tixxabbat ma' dak il-ħajt biex iġġib bejta għasafar, sieqek tiżloq u inti taqa' għal isfel. Mn'Alla li fl-art kien hemm xi erba' qattiet tiben u b'hekk ma ġralek xejn, anqas biss barxa ma kellek. Imma li ma ġejtx fuq dak it-tiben, ma kontx teħlisha ħafif! U oħtok l-ewwel werżqet twerżiqa bilqatgħa li ħadet, imbagħad xħin ratek fuq it-tiben, infexxet tidħak kemm tiflaħ. Eh! it-tfal dejjem tfal. U hi x'aħbarha? Ilni ma naraha.

—Tajba! Taf inti li kienet iżżewwġet! Marret toqgħod tas-Sliema. Xahrejn ilu kellha l-ewwel tarbija. Is-sajf l-ieħor kienet tiġi hawn sikwit ma' żewġha, imma issa ma tkunx tista' tiġi ħlief xi siegħa wara nofs in-nhar.

— Kemm nixtieq naraha!

* * *

Kif konna nitkellmu, għajnejja marru fuq it-tifla ż-żgħira ta' Ġanni, li kienet mixħuta ħdejn riġlejn omnha tilgħab ma' kelb ċkejken, xagħru abjad muswaf, issa tqabbżu, issa taqbadlu saqajh ta' quddiem u twaqqfu fuq ta' wara u tmexxih jew iżżeffnu fuqhom biss, issa tħaddnu magħha u tkellmu u tridu jkellimha u tressaq wiċċha ma' wiċċu u xoftejha ma' xoftejh biex bħalli kieku jifhem aħjar xinhi tgħidlu. Tgħaxxaqt inħares lejha, imma dak il-ħin ħassejt għerfi jbaqbaq ġewwa fija, u jrid ifur u jixxerred għall-ġid ta' għajri. Bil-ħlewwa għidt lit-tifla ta' Ġanni:

—Eh! binti, tressaqx il-kelb ma' wiċċek għax jagħmillek mimmi.

—Ma jigdimx! weġbitni ftit mistħija.

—Imma jista' jagħtik il-mard.

—Mhux marid il-kelb tagħna!

Moħħ ta' tifla ta' seba' snin ma setâx jifhem il-għaġeb ta' għerf li dak il-ħin kont sa nsawwab fuq id-dinja miġbura, għalija, f'dak ir-razzett u f'dawk iż-żewġ bdiewa. Dort lejn Ġanni u għidtlu:

—Ġanni, għandek taf li ġisimna mhux bħall-ġisem tal-bhejjem; dak li hu tajjeb għalina jista' jkun ħażin għall-bhejjem; u dak li ma jagħmelx deni lill-bhejjem, lilna jista' jagħmlilna deni kbir. Issa ara, dak il-kelb jista' jkollu xi dud irqiq, irqiq li bil-għajnejn ma jidherx u li lill-kelb ma jagħmillu ebda ħsara, qisu ħaġa mejta, iżda malli jidħol fil-ġisem tal-bniedem, kull waħda minn dak id-dud issir mija u elf, u lill-bniedem jagħmlulu deni kbir, imarrduh. Ħa nfiehmek aħjar. Ara, għan-

dek dik iż-żerriegħa tal-bettieħ fuq ix-xriek. Issa biex tinbet fejn trid tiżragħha?

—Fil-għalqa!

—Tajjeb. Issa jekk tiżragħha fit-trab tat-triq, jew ġox-xaħx, tinbet?

—Le ma tinbet!

—U jekk tiżragħha ġor-ramel ħdejn il-baħar?

—X'jidhirlek!

—Hekk hu d-dud tal-mard, fil-kelb jibqa' bħal ħaġa mejta u fil-bniedem inissel, joktor u jagħmel deni kbir.

Ġanni u martu, Żeża, kienu qegħdin jisimgħuni bla ma jpetptu xfar għajnejhom. Kliemi kien donnu nixxifhom. Għalhekk rabbejt il-ħila iżjed u żidt ingħidilhom:

—Ħażin ukoll li l-klieb u qtates tagħtuhom jieklu mill-platti li tieklu fihom intom, jew tħalluhom jilagħqu platti, borom skutelli u x'naf jien, għax minn ilsienhom għandu mnejn jeħel mal-platt xi dud li jġib il-mard fil-bniedem.

—Meta miet Dun Nikol, ma nafx tiftakrux int, għax kont għadek żgħir meta miet, qabżet qalet Żeża, in-nies ħarġuha li miet b'xi marda tal-fwied, u kullħadd kien igħid li rikeb il-mard, għax kien iħalli l-klieb, li kien iħobbhom daqs dawl għajnejh, jieklu mill-platti tiegħu u saħansitra jieklu miegħu fuq il-mejda. Ma nafx x'naqbad ingħid, imma din ma tinżillix malajr; aktar naħseb li Dun Nikol, jaħasra, kellu xi marda minn ġewwa; kien ilu sejjer lura, minn qabel ma kien iħobb il-klieb; u terġa' kellu ħuh li miet bil-mard ta' ġewwa wkoll.

Ħassejt l-art taħti titħarrek; qalbi ħebritni b'xi waqgħa, u l-waqgħa ma dametx ma ġiet Żammejt sħiħ, u b'leħen mejjet, għidtilhom:

—Mhix ħaġa kbira! Jista' jkun li dak il-qassis ħa l-mard mill-klieb. Aħna t-tobba nagħarfu l-marda, imma mhux dejjem nagħarfu mnejn hi ġejja l-marda. Taf xinhu, il-mard ma jiġix waħdu. B'xejn ma timradx.

—Għax tkun miktuba hekk, qabeż igħid Ġanni, li wara l-kliem ta' martu ried hu wkoll jagħti daqqa oħra lill-għerf tiegħi. Intom timlewlna rasna b'ħafna flieles, u jekk wieħed joqgħod jaħseb iżżejjed, jitlef moħħu. Ara, sentejn ilu maradli t-tifel il-kbir bid-deni; għall-ewwel ma kellimniex tabib; wara ġimgħa kellna ndaħħluh u beda jsaqsina elf ħaġa: "Jixrob ħalib? Jiekol ġbejniet? Il-ħalib tgħalluh? Qis li ma tagħtuhx ħalib li mhux imgħolli!" Lit-tabib għidnielu iwa, għat-twissijiet kollha li tana, imma għamilna biss dak li dehrilna. Il-ħalib bqajna nagħtuhulu sħun minn driegħ il-mogħża, bla ma ngħalluh xejn; għax il-ħalib ma jistâx ikun li jġib il-mard; bil-ħalib trabbejna. Taf biex

ħallieh id-deni? Bix-xewk! konna ngħallulu x-xewk u nagħtuh jixrob l-ilma tiegħu. Mhux bil-ħalib imgħolli!

—Għamilt ħażin ma smajtx mit-tabib, u kieku ibnek miet jew baqa' marid, kien ikollok ħtija quddiem Alla. Isma' din: kieku nagħtik frotta, frotta sabiħa, safra qisha tad-deheb li bħalha Malta ma hawnx, rieħa tfuħ u togħma tajba, u ngħidlek: Wieħed minn kull mija li jieklu minn dal-frott, jaqa' u jmut mal-ewwel daqqa ta' sinna li jagħtiha. X'tagħmel? Tekolha?

Ġanni ma weġibx. Ħass ruħu mirbuħ, u jiena qawwi bir-rebħa tiegħi żidt ingħidlu:

– Mela jekk ħaġa tagħmel deni lil wieħed minn kull mija, aħseb li dan il-wieħed tista' tkun int.

—Imma taf xi ngħid jien, jekk ma tkunx waslet il-mewt ma tmutx, u jekk tkun waslet, tagħmel x'tagħmel ma żżommhiex. Ara, jien għandi ħamsa u ħamsin sena u qatt ma mradt aktar minn jumejn. Ħajti dejjem fir-raba' u mal-bhejjem. Ħalib qatt ma għallejtu, bħal ma tridu intom; dejjem ilma tal-bir nixrob, u jekk nirfes żġieġa u joħroġli d-demm, immur fil-għorfa, insib biċċa għanqbuta kollha trab, inqegħidha fuq il-ġerħa; id-demm jieqaf u wara ftit ma għandi xejn. It-tabib kieku jimlieli ras daqs qartalla! Niżżiħajr l'Alla nħossni f'saħħti sewwa. U missieri kellu sitta u tmenin sena meta miet, u missieru għalaq id-disgħin. Ma kenux igħaddu ħajja aħjar minna; xogħol u taħbit u għaks kienet il-ħajja tagħhom, u madankollu kellhom għomor twil. U ħu missieri, Toni, ta' sebgħin sena kien għadu jiekol nofs artal għaġin u jgerrem il-ful ingaljat bi snienu. Li ma kienx għax għaddieh riħ ħażin, kieku għadu ħaj; ma kellu l-ebda marda; miet b'laħmu u xaħmu. X'irrid ngħidlek? Ta' kullħadd kif tkun miktuba!

—Taf xinhu l-imma? għidtlu bi tbissima, li ħadd ma jaf kif inhi miktuba tiegħu. Għalhekk jaħtieġ li wieħed jisma' mit-tabib, għax it-tabib ma jitkellemx minn rasu, ma jaqlax minn żniedu, iżda jitkellem bid-dawl ta' dak il-għerf kbir li Alla xerred fil-ħolqien.

* * *

Kien sar il-ħin u jien qomt biex immur. Ġanni u Żeża qamu wkoll biex iwassluni sal-bieb. It tifla ż-żgħira kienet tongħos b'rasha max-xkora. Wara ħafna: "Selli għalihom, ej-jew oqogħdu, ejjew intom ukoll", qbadt il-mogħdija lejn id-dar, u t-triq kollha nhewden fuq din l-ewwel wirja ta' għerfi.

S.

# IL-GAZZETTA TAL-GVERN

# 1813-1840

(MINN ĠUŻÈ GATT)

*(Ara Għadd 53-54 paġ. 20)*

Għalkemm il-Gvern kien ċekken l-Istamperija tiegħu, billi naqqas in-nies minn miegħu, il-qligħ minnha baqa' biex safa' fil-batal, bħal ma wrejna minn dak li hawn fuq għedna. Iżda, jekk il-Gvern qanċeċ kemm felaħ fl-Istamperija li kellu, għal Gazzetta tiegħu ma kien ixaħħaħ xejn. Mhux dan biss, imma l-Gvern issokta dejjem jagħmel ħiltu kollha biex jirnexxilu jaraha tgħaddi iżjed 'il quddiem. Għalhekk kien ifittex li jżejjinha b'tagħrif u ħbarijiet li setgħu jkunu ta' għoġba u għaxqa għall-qarrejja kollha, bla ma kien iħares lejn l-infiq li kellu jidħol għalih. U dan li għedna wieħed jista' jara li hu minnu, billi jagħti daqqa ta' għajn lill-Gazzetta ta' dak iż-żmien li qegħdin insemmu. Barra minn hekk, jidher ukoll it-tħabrik tal-Gvern f'dak li għedna, billi dan kabbar il-Gazzetta tiegħu. Jekk fl-1831 il-Gazzetta ħarġet b'401 paġni u fl-1832 b'408, fl-1833 dehret b'432 paġna. Terġa', fit-tliet snin li ġew wara f'kull sena għaqqdet l-444 paġni tagħha.

Barra milli l-Gvern kabbar il-Gazzetta tiegħu, ried ukoll li jgħin l-imseħbin li kellu. Għalhekk, minn Novembru tal-1834 beda jħabbar, li l-ħlas fil-Gazzetta wieħed kien jista' jagħmlu kull tliet xhur—f'kull l-ewwel ta' Jannar, ta' April, ta' Lulju u ta' Ottubru. Dan it-tibdil fil-għamla tal-ħlas, barra milli għân ħafna l-imseħbin fit-tisħib tagħhom, kien ukoll iħajjar biex dak li jkun jissieħeb aktar fil-Gazzetta, billi kull tliet xhur, il-ħlas ma jarahx wisq.

Minn Jannar tal-1835 il-Gvern żied tagħrif ieħor fil-Gazzetta tiegħu. Dan it-tagħrif kien dwar id-dħul u l-ħruġ li kellu l-"Malta Savings Bank" ma' tul is-sena ta' qabel. Kien mogħti wara laqgħa magħmula, fil-Berġa ta' Provenza, mid-Diretturi ta' dan il-Bank tal-Gvern. L-ewwel laqgħa saret fil-15 ta' Jannar 1835. Wara, dan it-tagħrif baqa' jidher fil-Gazzetta f'Jannar ta' kull sena.

Fl-aħħar paġna tal-Gazzetta, taħt l-aħħar kitba, kienet iġġib kelmtejn maqtugħa għalihom. Bihom kienet tgħarraf li l-Gazzetta hi maħruġa mill-Ħakma tal-Gżira, mill-Istamperija tal-Gvern. Barra minn hekk, kienet itgħarraf ukoll kemm kien il-ħlas tagħha fis-sena, fejn tinbigħ u li l-Gazzetta titwassal sad-dar ta' dawk l-imseħbin li joqogħdu l-Belt. Dan it-tagħrif kienet iġġibu dejjem bit-taljan f'kull għadd tal-Gazzet-

ta. Iżda mill-1835 xi drabi beda jidher bl-ingliż, flok bit-taljan, sakemm spiċċa biex, mit-22 ta' Ġunju tal-1836, baqa' joħroġ bl-ingliż biss għal bosta żmien.

Fl-1836, il-Gazzetta żiedet il-għadd fl-istampar tagħha. Mill-għadd 1308, li deher fis-27 ta' Jannar, ħarġu 390 waħda. Minnhom ingħataw b'xejn 108; kien hemm 184 imseħbin; 149 ġew mogħtija lil Salvu Said biex ibiegħhom; mill-Istamperija nbiegħu 7; baqgħu 31; erbgħa tgħarqu; u 7 inżammu għall-filsa. Terġa' f'Novembru, il-bejgħ tagħha laħaq it-356 waħda. Kif kien qies is-Suprintendent ta' l-Istamperija, 101 inbiegħu lill-ingliżi u 255 lill-maltin u l-barranin. Minn dawn, 219 il-waħda nbiegħu għal hawn Malta u 137 ġew mibgħuta barra. Ġew imqassma b'xejn 115 il-Gazzetta. Il-biċċa l-kbira ta' dawn ġew mogħtija lil dawk li kienu jaħdmu mal-Gvern fl-uffiċini tiegħu.

Is-Suprintendent ta' l-Istamperija, Charles Harper, kien qal lill-Kommissjonarji tal-1836, li l-bejgħ tal-Gazzetta fl-aħħar għaxar snin kien, tista' tgħid, dejjem f'ilma wieħed. Iżda, li qal Harper, ma narawhx li kien iqarreb wisq mas-sewwa, għax, jekk fl-1836 il-bejgħ tagħha kien ta' 356 waħda, fl-1833 kien ta' 250 biss, kif urejna iżjed lura.

Fis-sena tal-1836 sar xi tibdil żgħir fl-Istamperija tal-Gvern. F'Marzu siefer wieħed mill-kompożituri ingliżi. U biex il-Gvern ilaħħaq xi ftit max-xogħol li kellu, qabbad tnejn min-nies barranin jaħdmu miegħu, wara li jispiċċaw mix-xogħol li kellhom. B'dana kollu meta f'Mejju l-ingliż reġa' ġie lura lejn Malta, il-Gvern daħħlu miegħu mill-ġdid.

* * *

Fl-1836 il-Gvern tal-Ingilterra bagħat żewġ Kummissjonarji ingliżi f'Malta. Dawn kienu Austin u Lewis. Ġew hawn biex jaraw, jiflu u jgħarblu dwar il-qagħda ta' Malta. Wara, imbgħad, jagħtu l-fehma tagħhom fuq dak li kellu jitbiddel, jiżdied, jitnaqqas jew jiġġedded fil-ħakma tal-Gżira. Fir-rapport li għamlu, insibu, li mill-Istamperija tal-Gvern kienet toħroġ folja taħt l-isem ta' "Prezzo Corrente". Dana, għalkemm ma kellu x'jaqsam xejn mal-Gazzetta, kien iġib li huwa "Supplimento alla Gazzetta del Governo di Malta." Il-Prezzo Corrente" kien jagħti tifsir dwar b'kemm kienu qegħdin jinbigħu l-ħwejjeġ tal-ikel, il-merkanzija, eċċ. fis-swieq ta' Malta.

Dana l-"Prezzo Corrente" kien ilu joħroġ ħafna snin qabel ma Austin u Lewis ġew f'Malta. Għall-ewwel li beda joħroġ, kien jidher bl-ingliż biss; iżda b'Avviż li nġieb fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1814, ġie mħabbar li, mill-5 ta' Marzu ta' dik is-sena, sa jibda jidher bit-taljan ukoll, u jibqa' joħroġ kull ġimgħa. L-Editur tiegħu f'dik il-ħabta kien William Henderson. Iżda maż-żmien, kif jidher mit-tħabbira li saret fil-Gazzetta

tas-6 ta' Jannar 1824, il-"Prezzo Corrente" ma baqax joħroġ taħt it-tmexxija ta' Henderson. F'dana l-għadd tal-Gazzetta nsibu, li, għal li ġej, il-"Prezzo Corrente di Malta" sa jibda jiġi maħruġ kull ġimgħa minn Guljermu Stevens, is-Segretarju tal-Kmamar tal-Kummerċ.

Fl-ewwel snin tal-ħruġ tiegħu, dana l-"Prezzo Corrente" kien iħalli xi qliegħ għall-Gvern; iżda billi ġie żmien li l-Kummerċ ta' Malta tgħarraq u mar ħafna lura, wara l-1832 il-Gvern beda jistampah b'xejn għall-Editur tiegħu Stevens li semmejna.

Meta fl-1836 ġew Austin u Lewis, il-"Prezzo Corrente" kien qiegħed joħroġ darbtejn fix-xahar, u minnu kienu jinbigħu minn 40 sa 60 wieħed.

Fost ħwejjeġ oħra li fuqhom tħaddtu l-Kummissjonarji li semmejna, qalu wkoll li l-Gvern kien imissu jagħti tagħrif dwar kemm tiġbor u toħroġ il-Kaxxa ta' Malta. Għalhekk, mal-ewwel sena tal-Gvern li għalqet, fil-Gazzetta deher tagħrif bl-ingliż fuq x'daħħlet u x'ħallset il-Kaxxa ta' Malta ma' tul is-sena tal-1836.

Mit-tagħrif li ġie mogħti, nieħdu, li l-Gvern, fl-1836, għażżamma tal-Istamperija ħareġ £432-3-4½, u daqshekk ieħor nefaq għal-Gazzetta.

Mix-xogħol li l-Gvern ħadem għan-nies u mill-bejgħ ta dawk il-ħwejjeġ li stampa għalih, ġabar £254-3-8. Mill-bejgħ tal-Gazzetta u mill-avviżi li nġiebu fiha, il-Gvern daħħal £371-13-10.

Mela l-Gvern, fl-1836, mill-Gazzetta ġie tilef £60-9-8½, u mill-Istamperija £177-19-8½.

Minn dan li għedna jidher, li l-Gazzetta fl-1836 saret ta' anqas telf għall-Kaxxa ta' Malta milli kienet fis-sena ta' qabel, waqt li t-telf mill-Istamperija żdied aktar milli kien fis sena tal-1835.

Fl-1837 il-Gazzetta żiedet tagħrif ieħor. Fis-17 ta' Mejju ġiebet it-twelid u l-imwiet li saru f'dawn il-Gżejjer minn Jannar sa April tal-1837. L-ewwel ma deher kien bl-ingliż biss, iżda mal-ewwel għadd tal-Gazzetta li ħareġ wara, reġa' deher bit-taljan waħdu. Dan it-tagħrif kellha tibda ġġibu kull 3 xhur, kif hekk għamlet wara; iżda mbagħad, wara xi żmien, beda jidher dejjem kull xahar.

It-taħbir ta' x'daħħal u x'ħareġ il-Gvern beda jidher kull sena fil-Gazzetta. L-ewwel darba li deher kien fil-għadd tas-7 ta' Ġunju 1837, meta ġie muri d-dħul u l-ħruġ li sar fl-1836. Iżda barra dana t-tagħrif, il-Gvern kien juri wkoll x'ġabar u x'ħallas, f'taħbir ieħor għalih u bl-irqaqat kollha, dwar sitt postijiet minn tiegħu. Dawn kienu l-Monti, l-Isptar ta'Santu Spirtu, il-Casa d'Industria, l-Università u l-Liċeo, il-Ħabs il-Kbir u l-Monti ta' Għawdex. Dan it-tagħrif, miġjub ukoll bl-ingliż biss bħal l-ieħor, kien jidher fil-Gazzetta darba kull sena.

Mid-dħul u l-ħruġ li l-Gvern kellu fl-1837, nieħdu, li għażżamma tal-Istamperija, (magħduda wkoll in-nefqa għall-Gazzetta)

ħareġ £915-2-6½. Barra dawn nefaq ukoll £8-9-0 għal tiswija fl-Uffiżżju tal-Istamperija.

Mill-bejgħ tal-kotba tiegħu u mix-xogħol li ħadem għan-nies, il-Gvern daħħal £139-19-0. Mill-bejgħ tal-Gazzetta u mill-avviżi li dehru fiha, inġabru £395-11-9.

Minn dan li għedna jidher, li għalkemm il-Gvern ma kienx qiegħed jaqla mill-Gazzetta, telf wisq fiha ma kellux, bħalma kien baqagħlu fis-snin ta' qabel. U dan terġa' wara li f'din is-sena (1837), il-Gazzetta ħarġet b'462 paġna: jiġifieri akbar mis-snin tal-1834, 1835 u 1836.

Fl-1837, fl-Istamperija daħħlu tfajjel ingliż, ħu l-kompożitur Mackenzie, biex jitgħallem u jieħu s-sengħa bħal ħuh. Daħħlu wkoll suldat ingliż, bħala kompożitur, bi ħlas ta' xelin kull jum. Iżda wara erbagħt ijiem, dan telaq mix-xogħol, għax ma riedx jissokta jaħdem b'dak il-ħlas. Terġa', billi ġie miżmum mix-xogħol għal xahar wieħed mill-kompożituri ingliżi, Stocker, floku ġie mdaħħal wieħed taljan. Iżda meta Stocker f'Diċembru, 1837 reġa' daħal għax-xogħol mill-ġdid, dana l-ingliż beda jitħallas minn xi flus li kienu jintħarġu barranin, waqt li t-taljan baqa' jaħdem fl-Istamperija wkoll. D'dana kollu, Stocker ma damx wisq jissokta jaħdem mal-Gvern. Fl-14 ta' Frar 1838, Stocker ħalla Malta u siefer għall-Żmirli Għan-nuqqas ta' Stocker, fl-Istamperija daħal Pietru Cousin biex jitħarreġ fis-sengħa ta' kompożitur.

Wara l-miġja f'Malta tal-Kummissjonarji Austin u Lewis, il-Gazzetta żiedet bosta tagħrif dwar aħbarijiet fuq Malta. Beda jidher fiha wkoll fuq xi kawżi kbar li kienu jsiru fil-Qorti tagħna.

Mix-xnigħat li ġrew dwar il-fehma li kellhom il-Kummissjonarji li semmejna, il-Maltin intebħu li l-Gvern kien bil-ħsieb li jagħti l-Libertà tal-Istampa. Fuq hekk, x'uħud ħasbu malajr biex ifittxu jġibu l-Istamperiji ħalli jaħdmu f'din is-sengħa. Fost l-ewlenin Stamperiji li ġew, kienu ta' Lippu Izzo u ta' Lwiġi Tonna. It-taħbir li dawn l-Istamperiji kienu hawn, miftuħa u mħejjija għax-xogħol, jinsab fil-Gazzetta tal-Gvern tal-10 ta' Jannar u tas-7 u t-28 ta Marzu 1838.

Ix-xnigħat kbar li kien hawn dwar il-għati tal-Libertà tal-I-stampa flimkien mad-dehra tal-Istamperiji li semmejna, għamlu ħoss kbir li diwa saħansitra barra minn Malta. Għalhekk, *La Gazzetta di Firenze* ġiebet, li t-tħabrik u t-tgemgim tas-Saltniet Taljani, biex ma tiġix mogħtija l-Libertà tal-Istampa lill-Maltin, sfaw fil-batal; il-Liġi li tagħti din il-Libertà ġiet imxandra, u f'Ruma qiegħed jiġri fl-idejn programm ta' ġurnal ġdid li biħsiebu joħroġ f'Malta.

Għal dak li ġiebet il-Gazzetta ta' Firenze, qabżet il-Gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Marzu 1838. Din qalet, li ma jaħtieġ wieħed igħid li kull ma deher fil-Gazzetta ta'Firenze ma hu minnu xejn, għax li hu ħrafa hawn Malta jaf kullħadd. Iżda d-dehra ta' dan

it-tħarrif u xnigħat oħra ii ma humiex minnhom. miġjuba f'ġurnali ta' barra, ġegħlitha li taqbad il-waqt biex tgħid kif inhi sewwa dil-biċċa. Għalhekk ġiebet li tinsab imgħarrfa, li l-Gvern kien bi ħsiebu joħroġ Liġi li tagħti l-Libertà tal-Istampa. B'din il-Liġi jkun jista' jsir taħdit ħieles dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-Gżira. Iżda dan kellu jseħħ, malli jispiċċaw millftehim fuq irqaqat żgħar li fadal jiġu mħejjija.

Dwar il-programm għall-ħruġ ta' ġurnal, il-Gazzetta tal-Gvern m'hux biss qalet li l-programm ma ratux, imma l-anqas semgħet bih. Iżda din ix-xnigħa x'aktarx li ġriet imħabba li kienu nfetħu xi Stamperiji tan-nies hawn. Barra minn hekk, kien magħruf ukoll tajjeb, li min ried joħroġ xi folju li bih jista jagħti tagħrif u taħdit fuq kull ma għandu x'jaqsam ma' dawn il-Gżejjer u n-nies tagħhom, ma kien jiltaqa' ma' l-ebda tfixkil.

B'dak li ġie mgħarraf fil-Gazzetta tal-Gvern, dwar il-ħruġ tal-folji, jekk wieħed ma kienx jaf, malajr setagħ jintebaħ x'riedet tfiehem b'dak li qalet. Għalhekk x'uħud bdew iħejju t-trieq biex jatu bidu għall-ħajja tal-ġurnaliżmu ħieles f'Malta. L-ewlieni fost dawn kien il-Kanonku Natu Panzavecchia. Dan ħabbar, fil-Gazzetta tat-18 ta' April, li sa joħroġ perjodiku ta' kull xahar, bl-isem ta' *Lo Spettatore Imparziale.* Fih sa jġib kitba li għandha x'taqsam mal-ħwejjeġ tal-Gżira, aħbarijiet ta' barra u tagħrif xjentifku. Bil-wieħed jinbigħ sebagħ soldi kull għadd, iżda l-imseħbin iħallsu tiegħu sitt soldi biss.

Ftit jiem wara li dana l-Folju ġie mħabbar fil-Gazzetta tal-Gvern, ħareġ l-ewwel għadd tiegħu. Għal din il-biċċa, il-Gazzetta qalet, li d-dehra ta' l-ewwel folju indipendenti f'Malta ssawwar għamil kbir fil-ġrajja tal-letteratura u fil-qagħda pulitka ta' din il-Gżira. Dil-ħaġa l-Gazzetta ħasset li ma setgħetx tħalliha għaddejja u ma jssemmihiex. Għalhekk, biex din il-ġrajja tibqa' tifkira għal dejjem, għarrfet li l-bidu tal-ħruġ ta' *Lo Spettatore Imparziale,* kien il-jum tat-Tnejn, 23 ta' April 1838.

Billi dana l-Folju ta' Mons. Panzavecchia kien bit-taljan, il-Gazzetta qalet, li għalkemm l-ilsien ingliż għadda ħafna l-quddiem minn x'ħin il-Gvernatur Ponsonby kien ħeġġeġ ħafna għalih bi ħrara kbira, iżda għad ma nxteridx biżżejjed biex isir ta' għajnuna għat-tagħrif bejn in-nies kollha ta' dawn il-Gżejjer. B'dana kollu, mill-mixja l-quddiem li dan l-Ilsien wera li għamel iġegħlba taħseb li m'hux fil-bogħod wisq dak iż-żmien li fih għad ikun hu l-aktar wieħed ta' għajnuna għat-tixrid ta' tagħlim.

Il-Gazzetta qalet ukoll, li l-Kanonku Panzavecchia, il-kittieb u sid *Lo Spettatore Imparziale*, b'dana l-għamil tiegħu wera ħeġġa kbira għall-ġid ta' kullħadd. Dan daħal fil-wesgħa tat-taħdit ħieles, taħt ħafna twegħir u tfixkil, l-aktar billi għad ma ġietx mogħtija l-Libertà tal-Istampa. Fuq kekk, ħaqqu l-għajnuna ta' ħutu l-Maltin—ta' dawk li jixtiequ jaraw il-Libertà tal-Istampa mwaqqfa fuq sisien qawwija; ta' dawk li lil din iqisuha bħala ta'

għajnuna kbira għall-mogħdija l-quddiem fit-tagħlim, ix-xerrieda tas-sewwa u r-reffieda tas-setgħat ta' kullħadd.

Għal dana x-xogħol li l-Kanonku Panzavecchia daħal għalih, il-Gazzetta ttamat li jsib malajr l-għajnuna minn dawk li semmiet. Bil-għajnuna tal-qarrejja Mons. Panzavecchia jkun jista' joħroġ, bla dewmien xejn, il-folju tiegħu darba fil-ġimgħa, flok fix-xahar. U b'hekk jirnexxilu jżjed il-ħsieb tajjeb li kellu—dak li jkun jista' jagħti aktar ta' sikwit tagħrif ta' ħtieġa.

Biex il-Gazzetta tissokta tgħin lill-Kanonku Panzavecchia fix-xogħol li daħal għalih, ġiebet x'fih u fuqiex jitħaddet l-ewwel għadd ta' *Lo Spettatore Imparziale*. Barra minn hekk faħħret ħafna wkoll l-istamperija ta' Lwiġi Tonna li minnha ħareġ dana l-Folju. Il-Gazzetta qalet li x-xogħol li sar irnexxa bil-bosta aktar minn dak li wieħed kien jistenna minn stamperija li għadha fil-bidu tagħha.

Iżda, billi *Lo Spettatore Imparziale* ġieb xi ħaġa dwar l-ħajja tal-Gvernatur Bouverie, il-Gazzetta sewwiet xi għeltijiet li dehru B'dana kollu, il-Gazzetta qalet li hu l-bogħod ħafna minnha l-ħsieb li tmieri f'kollox dak li qal dana l-Folju, iżda ma tistax tħalli għaddej titrif li ma hux minnu. Jerġa, *Lo Spettatore Imparziale* ma kellux ħtija f'dak li qal. Dak li ġieb, ħadu mir-"Royal Military Calendar"—ktieb li l-Kanonku Panzavecchia bil-ħaqq kollu kellu jżommu b'tajjeb u li ma jkunx fih għeltijiet f'dak li jgħid.

Wara *Lo Spettatore Imparziale*, waslet id-dehra tat-tieni folju ħieles f'Malta. Il-ħruġ tiegħu ġie mħabbar fil-Gazzetta tas-16 ta' Mejju. Dan kien ukoll bit-taljan. Ħa l-isem ta' *Il Portafoglio Maltese*. L-ewwel għadd ħareġ bħala turija ta' kif kellu jkun il-quddiem.

Bħalma l-Gazzetta ferħet għad-dehra ta' *Lo Spettatore Imparziale*, hekk ukoll għamlet meta ħareġ *Il Portafoglio Maltese*. Terġa' biex tissokta tgħinu, ġiebet il-programm tiegħu. U, biex aktar tħajjar u tagħmel il-ħila u l-wisgħa għall-ħruġ ta' dawn il-folji u ta' oħrajn li kienu bi ħsiebhom joħorġu, ħabbret li sa tieqaf u ma toħroġx aktar. Iżda, dan il-ħsieb tal-Gvern kellu jitwettaq, malli tiġi mxandra l-Liġi tal-Libertà tal-Istampa.

Din il-Liġi kienet għadha taħt il-ħsieb tal-Kummissjonarji tal-Inkjesta. Izda malli dawn jispiċċaw mit-tgħarbil tagħha, il-Gvernatur kien bi ħsiebu jressaqha malajr quddiem il-Kunsill tal-Gvern. U dan kellu jsir, biex ir-rieda tas-Segretarju tal-Kolonji, dwar dina l-biċċa, tiġi mwettqa bla telf ta' żmien xejn.

Għalkemm bdew joħorġu xi folji, kull ħaġa li bdiet tidher fihom qabel kienet tgħaddi minn taħt idejn il-Gvern. B'dana kollu, dina ċ-ċensura, milli setagħ wieħed jaqbad minn dak li qalet il-Gazzetta tas-7 ta' Marzu, ma kenitx qalila bħal dik iċ-ċensura l-oħra ta' qabel ma l-Gvern kien tħajjar li jagħti l-Libertà tal-Istampa. Għalhekk, fil-folji beda jinġieb ukoll il-fehmiet

ta' dawk li ma kenux jaqblu ma' l-egħmil li kien isir mill-Ħakma tal-Gżira.

Wara l-ħruġ ta' żewġ folji bit-taljan, fil-Gazzetta tat-13 ta' Ġunju deher taħbir li sa joħroġ folju ieħor bit-taljan u bl-ingliż. L-isem ta' dan kien *Il Mediterraneo, Gazzetta di Malta.* Għal din l-aħbar il-Gazzetta tal-Gvern intliet bil-ferħ. Barra milli ġiebet il-programm tiegħu, qalet ukoll, li l-*Mediterraneo* sa jkun il-folju li jimla dak il-battal li warajha tħalli hi, meta tieqaf u ma toħroġx iżjed.

Billi l-Gvern kien bil-ħsieb li jwaqqaf il-Gazzetta tiegħu mill-ħruġ tagħha, ma baqax jilqa' lil dawk li riedu jissieħbu fiha għal sitt xhur, bħal fl-imgħoddi. Għalhekk ġie mħabbar fil-Gazzetta tas-27 ta' Ġunju 1838, li min ried jissieħeb, il-Gvern jorbtu għal tliet xhur biss. Dan it-taħbir baqa' jsir kull meta jkunu sa jagħilqu t-tliet xhur.

Fil-Gazzetta tal-4 ta' Lulju nsibu xhieda ta' kemm il-Maltin ħarġu tajjeb fis-sengħa ta' l-Istampa. L-Editur tal-Gazzetta qal li fela b'ħeġġa kbira x-xogħol ta' bosta għamliet li ħareġ mill-istamperiji l-ġodda, u sab li dawn, bil-ftit il-ftit, għaddew tassew ħafna 'l quddiem. Barra mix-xogħlijiet li ħarġu, oħrajn kellhom il-ħsieb li joħorġu malli jkollhom il-għajnuna ta' l-imseħbin. Kull wieħed kien ifittex u jħabrek biex jara jirnexxilux li jikseb għalih il-ġibda tal-qarrejja, billi juri li kellu l-jedd sewwa u u xieraq ħalli n-nies tissieħeb fil-kitba tiegħu. Jerġa' dawn kellhom dehen kbir ta' kif kienu jfissru l-programmi tal-folji tagħhom. Dil-ħaġa ħadd ma kien jistennieha jew jobsorha li sa jsibha qalb għadd hekk żgħir ta' nies li jgħammru dawn il-Gżejjer u li wisq ftit kienu mħarrġa fis-sengħa tal-ġurnaliżmu.

Il-Gazzetta ħabbret ukoll li sa joħorġu żewġ folji ġodda: wieħed bit-taljan u l-ieħor bl-ingliż. Dak li kellu joħroġ bit-taljan kien folju li jitħaddet fuq il-mediċina biss. Il-ħruġ tiegħu kellu jkun ta' darba fix-xahar, taħt l-isem ta' *L'Ape Melitense.* L-ieħor kien jismu *The Harlequin, or Anglo-Maltese Miscellany.* Dan kien folju ċajtier u ta' tagħlim li jgħodd għall-kullħadd.

Il-programm ta' *L'Ape Melitense* deher fil-Gazzetta bit-taljan u bl-ingliż. Iżda billi *The Harlequin* kellu joħroġ għal dawk li jaqraw bl-ingliż, jew għall-mixtieqa li jifhmu b'dana l-lsien, deħrilha li hu biżżejjed iġġib il-programm tiegħu bl-ingliż biss.

Wara li l-Gazzetta ħabbret il-ħruġ taż-żewġ folji li semmejna, issuktat tgħid, li hi tqisu bi dmir tagħha li tgħarraf b'kull ħaġa li tkun bi ħsiebha toħroġ. Dan tagħmlu, mhux biss bħala ħaġa ta' taħbir, imma wkoll biex, bit-tgħarrif tagħha, kemm tista'tgħin lil dawk li jagħmlu ħilthom biex joħorġu minn dawn il-folji, ħalli b'hekk jiksbu l-għajnuna mill-qarrejja. U, barra milli dan tagħmlu bla ma żżomm la ma' l-wieħed, lanqas ma' l-ieħor, kienet tagħmlu wkoll, għax it-torkju, fil-bidu tiegħu,

tqisu bħal dik it-tarbija li titlob l-għajnuna u t-tweżin ta' dawk li jixtequha tgħaddi 'l quddiem fil-ħajja tagħha. B'dana kollu, l-għajnuna li ried jagħti l-Gvern, ftit kienet tiswa mingħajr ir-rifda sewwa tal-qarrejja, għax jekk l-istampa tgħaddi 'l quddiem, din tkun ta' bosta ġid għal dawn il-Gżejjer.

Il-Gazzetta ta' l-4 ta' Lulju għarrfet ukoll, li *Il Portafoglio Maltese* wasal fil-għadd tmienja tiegħu. Barra minn hekk, qalet li dana l-folju ma ħalla l-ebda ħaġa taħrab li fiha ma għamilx ħiltu kollha biex juri li jistħoqq l-għajnuna tal-qarrejja. Terġa' dan ħa għamla aħjar u beda jidher b'aktar sura ta' folju. B'dan it-tibdil tiegħu sar iżjed u aktar ta' tagħlim minn qabel.

Fil-Gazzetta tal-1 ta' Awwissu 1838 insibu miġjub l-isem tal-folji kollha li deħru u ta' dawk li kienu għamlu l-ħsieb li joħorġu minn x'ħin il-Gvern ħaffef it-triq għal dawk li riedu jistampaw. Ma dawk l-ismijiet li semmejna, insibu li kellu joħroġ ieħor ġdid : *The Valletta Journal.* Il-Gazzetta ġiebet il-programm ta' dan bl-ingliż biss, billi b'dana l-ilsien kellu jidher.

Bħalma rajna milli s'issa għedna, il-Gvern kien kollu tħeġġiġ biex dawn il-folji jirnexxu u jgħaddu l-quddiem. Barra milli l-Gazzetta tiegħu kienet iġġib il-programm ta' dawk il-folji li jagħmlu l-ħsieb u jitħajjru li joħorġu, kienet ukoll tweżinhom sewwa bi kliem li jqawwilhom qalbhom qatigħ. B'hekk, b'din l-għajnuna tal-Gazzetta tal-Gvern, il-folji kienu jsibu t-triq imħejjija u watja biex, b'iżjed ħeffa, jkunu jistgħu jagħtu bidu għall-ħajja tagħhom.

Wieħed mill-folji li ħarġu (The Harlequin), kien iħobb inig-geż lil għajru wisq. Għal dina l-biċċa, waqt li l-Malti Ġorġ Mitrovitch kien l-Ingilterra jaqbeż għall-ħaqq u s-setgħat tal-Maltin, kiteb fil *The Globe* tal-5 ta' Settembru 1838 dwar l-Istampa f'Malta. U, fost ħwejjeġ oħra, qal, li l-*Harlequin* hu maħruġ minn xi fizzjali ingliżi biex ixewwxu u dejjem iqanqlu l-mibegħda f'Malta.

Għal dak li deher fil *The Globe* tal-Ingilterra, wieġbet il-Gazzetta tal-Gvern tad-19 ta' Settembru. Din qalet, li dil-biċċa ma hi minnha xejn, għax l-ebda fizzjal, la militari l-anqas ċivili, ma ħa sehem s'issa fil-kitba tal-folji ta' Malta; u għalhekk dawn ma ħaqqhomx li l-imsemmi *Globe* jitfa l-ħtija fuqhom.

Billi l-*Harlequin* bħalma għidna, il-hena tiegħu kien meta jniggeż lil dan u lil dak, iċ-ċensura ma kenitx tgħaddilu kollox. Għalhekk, xi drabi ġie li deher f'xi bnadi battal mill-qari, ħaġa li ma kontx issibha fil-folji l-oħra.

Fil-Gazzetta tas-26 ta' Settembru deher avviż li sa joħroġ Magazine bl-ingliż, bl-isem ta' *The Malta Review.* U fil-Gazzetta tal-24 ta' Ottubru 1838 inġieb il-programm tiegħu.

Wara t-taħbir ta' dana l-folju, ħarġu oħrajn. Iżda billi l-ewwel wieħed li kellu jidher (*The Phosphorus*), kien bil-ħsieb li jaqbeż għad-Din Protestanti, il-Gazzetta ma ndaħlitx, u baqgħet ma semmietu xejn. U terġa, billi rat li l-biegħa q'ed titħallat,

wara ssuktat ukoll fis-skiet tagħha dwar il-ħruġ ta' folji oħrajn. B'hekk qatgħet id-drawwa li tgħin lil dawk il-folji li jagħmlu ħsieb joħorġu, drawwa li kienet ħadet mad-dehra ta' l-ewwel folju ħieles f'Malta.

* * *

Is-sena tal-1838, għall-Gazzetta tal-Gvern, kienet l-aqwa waħda fost is-snin l-oħra ta' qabilha. Tassew li fl-1837 ħarġet b'kobor m'hux ħażin, għax dehret b'462 paġna; iżda l-kobor tagħha fl-1838 għadda qatigħ bil-bosta lis-snin l-oħra sħabha. F'din is-sena (1838) laħħqet 548 paġna, ħaġa li qabel qatt ma saret.

Billi l-Gvern kien għamel il-ħsieb li jwaqqaf il-Gazzetta tiegħu, il-kobor li ħarġet bih fl-1838 x'aktarx li sar bil-ħsieb magħmul—biex din tagħmel wirja ta' saħħitha u ta' qawwitha qabel titlaq u tintemm minn fost il-ġodda sħabha. U b'hekk tħalli t-tifkira ta' isimha mnaqqxa għal dejjem fl-imħuħ tal-qarrejja tagħha.

In-nefqa li l-Gvern għamel fl-1838 għaż-żamma tal-Gazzetta u l-Istamperija kienet ta' £720-1-0. Mix-xogħol li ħadem għan-nies u mill-bejgħ ta' ħwejjeġ stampati, il-Gvern daħħal £96-11-3. Iżda mill-bejgħ tal-Gazzetta u mill-ħlas tal-avviżi li dehru fiha, inġabru £400-8-0.

Il-flus li joħroġ il-Gvern kienu meqjusa li nofs imur għaż-żamma tal-Istamperija u l-bqija f'nefqa għall-Gazzetta. Mela, mis-£720-1-0, il-Gazzetta messha £306-0-6, waqt li minnha daħlu £400-8-0- Għalhekk il-Gvern mill-Gazzetta baqagħlu qliegħ ta' £40-7-6, ħaġa li ma nafux li qabel ġrat. U terġa tgħid li dan il-qliegħ baqa', wara li fl-1838 ħarġet b'aktar paġni mis-snin ta' qabel !

Għalkemm kienu dehru xi folji, sew bl-ingliż, kemm bit-taljan, kif ukoll bil-malti, il-Gazzetta tal-Gvern baqgħet toħroġ u iġġib l-aħbarijiet bħal qabel. Fuq din il-biċċa, wieħed mill-folji li kienu joħorġu, jismu *Il-Mediterraneo*, gerger ħafna fil-għadd tiegħu li deher fis-6 ta' Frar 1839. Dan qal li mhux sewwa li l-Liġi fuq il-*L*ibertà tal-Istampa għad ma ġietx imxandra. L-anqas ma hu xieraq li l-Gazzetta tal-Gvern baqgħet toħroġ. Waħda mill-ħwejjeġ li l-Kummissjonarji Austin u Lewis qalu li kellha titwettaq, kienet, li din il-Gazzetta tieqaf u l-Gvern kellu jibda jinqeda b'gazzetta ta ħaddieħor. Jerġa', barra milli din il-Gazzetta hi ta' bosta nfieq għall-Kaxxa ta' Malta, bil-ħruġ tagħha qegħda ttellef ukoll lill-folji l-oħra.

Dak in-nhar li *Il-Mediterraneo* ħareġ igerger, deher l-għadd 1471 tal-Gazzetta tal-Gvern. Fih ġie mħabbar, li s-Segretarju tal-Istat għad-Dipartiment tal-Kolonji bagħat lill-Gvernatur l-abbozz tal-Liġi fuq l-Istampa, magħmul minn Austin u Lewis. Għalhekk sa tiġi malajr stampata biex, wara tliet ġimgħat, tinbagħat quddiem il-Kunsill tal-Gvern. U billi fil-5 ta' Mejju 1838

kienet għarrfet li ma tissuktax toħroġ aktar wara li tiġi mxandra l-Libertà tal-Istampa, riedet terġa' tfakkar mill-ġdid lill-qarrejja tagħha bil-ħsieb li kienet għamlet. Għalhekk ħabbret li l-Gazzetta aktarx ma kellhiex tibqa' tidher wara 31 ta' Marzu 1839.

Iżda, din il-biċċa tat-twaqqif tal-Gazzetta tal-Gvern, ma għoġbitx lil *Brighella*, wieħed mill-folji li kien hawn. Dana l-folju ta' Dun Ġużepp Zammit fisser ruħu li hu ma jaqbilx ma' dawk li kienu jridu li l-Gazzetta ma tibqax toħroġ iżjed. Iżda hu kien tal-fehma, li, bħalma Ġibilta u l-Gżejjer Jonji kellhom il-Gazzetta tal-Gvern tagħhom, hekk ukoll Malta għandu jkollha l-Gazzetta tal-Gvern tagħha. Biss wieħed kien jista' jnaqqas mill-kobor tal-Gazzetta u b'hekk ma' tibqax ta' nefqa kbira għall-Kaxxa ta' Malta.

Dak li ntqal mill-folju *Brighella*, x'aktarx li ntgħoġob mill-Gvern. Bit-taħbir kollu li kien inġieb, li l-Gazzetta mhix sa tibqa' toħroġ iżjed, minn dan kollu ma sar xejn. Il-Gvern biddel il-fehma ta' qabel u għamel ħsieb ieħor. Għalhekk, fil-20 ta' Marzu 1839, il-Gvern bagħat igħarraf l-Ingilterra bil-ħsieb ġdid tiegħu. Dan il-ħsieb tal-Gvern kien, li jara jaqbilx jiftiehem ma' xi stamperija biex minn hemm jissokta joħroġ il-Gazzetta tiegħu, u mbagħad ineħħi għal kollox l-Istamperija li kellu.

Wara li l-Gvern bagħat igħarraf l-Ingilterra x'qata' li jagħmel, beda biex iwettaq il-fehma li kellu. Għalhekk ċekken malajr il-Gazzetta tiegħu, u minnha neħħa l-aħbarijiet li kienet iġġib. L-aħħar Gazzetta li ħarġet bl-aħbarijiet kien l-għadd 1475 li deher fit-13 ta' Marzu. B'kollox il-Gazzetta laħqet ħarġet ħdax il-għadd bl-aħbarijiet, u fihom għaqqdet 96 paġna.

Fil-15 ta' Marzu 1839 ġiet imxandra l-Libertà ta' l-Istampa. F'dan il-jum ħarġet ukoll Notifikazzjoni tal-Gvern. Din għarrfet li l-Gvernatur qata' li l-Gazzetta tal-Gvern ma hix sa tibqa toħroġ bħala folju bl-aħbarijiet, u sa tibda tidher kull nhar ta' Ġimgħa. Iżda l-ħsieb tagħha hu, li ġġib biss dawk il-Liġijiet, Ordinanzi, Avviżi u Atti Uffiċjali tal-Gvern, flimkien ukoll ma' dawk l-avviżi l-oħra li b'liġi kellhom jiġu miġjuba u mxandra f'din il-Gazzetta.

L-ewwel Gazzetta li ħarġet mingħajr aħbarijiet, kien il-għadd 1476 li deher fit-22 ta' Marzu 1839.

Minn meta l-Gazzetta ħarġet bl-għamla li semmejna, il-bejgħ bil-waħda sar żewġ soldi kull għadd. Iżda darbtejn biss laħqet ħarġet-u nbiegħet b'dan il-ħlas. Wara dawn, mill-għadd 1478, li deher fil-5 ta' April 1839, raħħset il-ħlas tagħha, billi bdiet tinbigħ bis-sold il-waħda, ukoll meta ġie li xi drabi ħarġet b'aktar minn erba' paġni.

Billi l-Gvern, bħalma konna għedna, mat-tneħħija ta' l-Istamperija kien bil-ħsieb ukoll li jwaqqaf il-Gazzetta, ħabrek biex lil Charles Harper jitfgħu f'xogħol ieħor. Għalhekk f'No-

vembru tal-1838 u f'Jannar tal-1839, il-Gvern bagħat jitlob lis-Segretarju tal-Kolonji biex jagħtih is-setgħa ħalli lil Harper jagħmlu Maġistrat tal-Pulizija. Is-Segretarju qagħad għal li talab il-Gvern ta' Malta, u Harper ġie mlaħħaq f'dan ix-xogħol fit-28 ta' Ġunju 1839. Iżda Harper kien ħalla x-xogħol mill-Istamperija fil-15 ta' April 1839. Fuq hekk l-*Overseer* Ganpatist Gatt ġie mqabbad biex jibda jieħu ħsieb ta' l-Istamperija hu fin-nuqqas ta' Harper (1).

Wara tliet xhur li l-Gazzetta damet toħroġ kull nhar ta' Ġimgħa, il-Gvern naqqas mill-ħruġ tagħha, għax ra li ma kellux xi jġib fiha. Għalhekk, b'Notifikazzjoni tas-27 ta' Ġunju 1839 ġie mgħarraf, li jum il-ħruġ tal-Gazzetta sa jibda jkun nhar l-aħħar Ġimgħa ta' kull xahar. Iżda meta jkun jinħtieġ, kienet toħroġ f'jiem oħra wkoll.

Minn meta l-Gazzetta baqgħet għal-liġijiet biss, kull meta bdiet toħroġ, kien ikun fiha ħafna battal. Ukoll meta naqqset mill-ħruġ tagħha, dan il-battal baqa' jidher fiha bħal qabel.

Fuq li l-Gvern kien sa jneħħi l-Istamperija tiegħu, f'Ġunju tal-1839 ġew mitluqin mix-xogħol iż-żagħżugħ Hector Mackenzie u Pietru Cousin. Lil Mackenzie tawh £11-5-0, bi ħlas barrani ta' darba, u lil Cousin £7-10-0.

*Jissokta*

1 Meta Harper sar Maġistrat tal-Pulizija tawh £220 fis-sena, daqs kemm kien il-ħlas għall-Maġistrati ta' dak iż-żmien. B'hekk ġie tilef £37-3-0 mill-ħlas li kellu ta' meta kien Editur tal-Gazzetta u Suprintendent ta' l-Istamperija. Iżda l-Gvern qabeż għalih ma' l-Ingilterra u talab li jagħtuh il-bqija tat-telf li kellu. U dawn x'aktarx li tawhomlu, għax, għalkemm Harper laħaq Maġistrat, issokta joqgħod ukoll fil-Berġa ta' l-Italja, biex lanqas ma jitlef il-kera b'xejn li kellu. Meta fl-1846 kienet qamet rewwixta fil-Karnival, rewwixta li għadha tissemma sal-lum, Harper kien wieħed miż-żewġ Maġistrati (l-ieħor kien Vella) li quddiemhom tressqu l-arrestati. Fuq din ir-rewwixta, Richard Taylor, wieħed mill-ewlenin kittieba ta' l-Ilsien Malti, kiteb ktieb kollu tqabbil. U billi Harper kien agħma minn waħda, Taylor niggżu b'din il-biċċa, kif jidher minn din it-tqabbila li ħadna mill-ktieb li semmejna:

"L-aħħar xena wkoll nurikom,
Bla ma nitlef żmien ta' xejn,
Tas-sur Harper u s-sur Vella,
Żewġ bnedmin, ma tliet għajnejn."

Harper ħa l-pensjoni f'Ġunju tal-1865. Meta kiber, moħħu beda jeħfief. Darbtejn ried ineħħi ħajtu, bla ma rnexxielu. Iżda, mat-tielet darba, qata' griežmu, u miet fit-22 ta' Novembru 1874, fl-għomor ta' 84 sena. Kien joqgħod il-Belt, Strada San Paolo, No. 32.

# GHAL SOLD SIGARETTI "BOXSA"

Peppa l-Mostija mindu ħadet b'żewġha lil Peter, *steward* fuq il-laneċ, arani u la tmissnix, lil kullħadd trid tibla, lil kullħadd tara dubbien. Il-ġâra, mara fqira daqs Gobb, il-jum kemm hu twil tqatta' msarinha, għaliex tara lil din Peppa ssarraf waħda f'waħda l-karti tal-liri, daqqa għand tal-ħobż u daqqa għand tal-pitrolju, u hi bil-kemm tista' trejjaq il-qorċma tfal li għandha bil-qligħ żgħir ta' żewġha, billi kien iraqqa' xi żarbun 'l hawn u 'l hinn.

Lixkati minn hawn, botti minn hinn, ma nafx kemm il-darba f'jum wieħed. Peter widdeb lil martu biex tilħaq għas-sitha, iżda l-oħra ma twieġeb xejn, xejn. Kienet riesqa l-Imnarja. Peppa kienet mxerrfa fit-tieqa. Il-ġara tonxor denduli mal-ħabel taż-żewġ lasti. Peter sa joħroġ u qiegħed jiġbed il-bieb warajh; martu: "Peter, mur għand tal-karrozzi u ikri *four seater* sabiħ, għaliex l-Imnarja waslet, u flusna m'għandniex inħalluhom fil-kexxun jitmermru, il-karrozza tiġi lejliet il-festa fil-għodu u ħallsu issa, tridx innižżillek xi żewġ liri ? "

Żewġha għamlilha iva b'rasu u qagħad jistenna Martu wara ftit niżlet b'żewġ karti ġodda iperpru bit-tixjir ta' idejha. Peter tbiegħed u l-ġara daħlet ġewwa b'wiċċha mitt lewn bit-tferfir ta' demmha. L-għada żewġ Peppa daħal għand Saver tal-ħanut. "Uri sold 'Boxsa' u tefagħlu żewġ xelini fuq il-bank. Saver ma kellux ħabba żgħar bqija. Tal-ħanut: Tini għada. L-ieħor jerfa flusu. Tidħol il-ġara. "Mela għada nagħtik is-sold Saver, qallu Peter. Il-ġara dawn il-kelmiet jinżlulha għasel. Refgħet u sarret kollox għal meta tiġiha x-xoqqa f'moxtha. L-għada kif il-ġara lemħet lil Peppa bdiet tfajjar waħda f'waħda : Djun, djun, djun, l-anqas sold għas-sigaretti; fanfaruni bla wixx, Peppa ma basretx għaliha għaliex billi kienet tixtri bil-flus kollox, kollox mal-ħaġra t-tajn, ma ħaditux għaliha, iżda meta l-ġara bdiet tgħajjat : ' Tan-navy l-anqas sold ma għandhom ħila jħallsu lil tal-ħanut", hawn ħadet il-miċċa u ja sidi, it-twerżiq, l-għajjat, it-tisbit ta' bibien, ħwejjeġ kbar!

Iż-żewġ nisa ħomor donnhom żewġ skorfniet, imqabbdin f'xagħar xulxin, jagħtu bla ħniena, in-nies tinġama qtajja, qtajja, klieb jinbħu, il-pjantun ried kieku jwaqqafhom, xi twaqqaf! mar għas-surġent, għal xejn. Biex tagħqad, il-kuċiniera ta' Peppa qabdet ittella' ġmielha, nigrufun li ma ngħidilkomx, inzerta kien hemm xi karti mal-ħajt, qabdu, bdiet tieħu l-għamara, dħaħen ma kullimkien, ċemplu l-funtana għal-"fire engine", din inzertat ma taħdimx, iċemplu l-inġinjieri, dawn ġew jiġru qatta' bla ħabel u

erħilhom dawn l-ingliżi bil-qomos lewn il-piżella jitfu; kif tfew kollox, is-surġent, raġel twil donnu blandun, ruxxan għall-aħħar jimsaħ l-għaraq kbir li kellu nieżel miegħu, jersaq bil-pala t'idu l-lemenija maqluba fuq ġbinu lejn l-ispettur tal-pulizija. All right, Sir, idur fuq it-takkun u f'għemża kullħadd warrab ipaċpaċ biss fuq dik il-praspura bla ħsieb ta' Peppa l-Mostija.

Għadda xahar u Peter ma nafx x'daħal jixtri minn għand Saver. Bilħaqq kelli ntik sold tas-sigarretti "Boxsa" u billi kien ħa l-bqija, mill-ġdid deffes idu fil-but u ħareġ sold li dan is-sold bla ma jaf kien il-ħtija tal-ħsara li ġratilhom f'darhom Peter u martu Peppa, żid l-għelt li nqala' mal-ġara.

K. A. H.

Gżira, 14-10-35.

# IRQAQAT TAL-KITBA

## 1. IMBAGĦAD.

*Imbagħad* hija taqsira ta' żewġ kelmiet magħqudin f'waħda, jiġifieri: *minn* u *bagħad*, li jsiru *minbagħad*. *Bagħad* tfisser *wara* (*after*), u fil-Malti għadha tidher, għalkemm mgħawwġa u mħassra kemm jista' jkun, fil-kelma: *pitgħada*, li mhix ħaġa oħra ħlief: *bagħad għada*=(*the day*) *after to-morrow*. Il-kelma: *minbagħad* qatt ma tinħass sħiħa, imma titlef dejjem konsonanti mill-ewwel tnejn, u għalhekk x'uħud jiktbu: *inbagħad* jew *nbagħad*; oħrajn: *imbagħad* jew *mbagħad*. Jien naħseb li aħjar niktbu: *mbagħad* jew *imbagħad*, bil-konsonanti *n* mixruba mill-konsonanti *m*. Jekk niktbu: *inbagħad*, ma nistgħux infissru l-għala u kif waqgħet il-konsonanti *m*. Hekk ukoll il-kelma: *minħabba* hi mqassra fi *mħabba* u mhux fi *nħabba*.

## 2. JAĦTIEĠ *U* JINĦTIEĠ

Aktarx li l-kittieba jħawwduhom dawn iż-żewġ għamliet ta' verb wieħed, iżda xi għażla bejniethom għandu jkun hemm. Imnisslin mill-għerq *ħ-w-ġ*, waħda biż-żjieda ta' *t* u l-oħra biż-żjieda ta' *nt*, bħal: *xteħet* u *nxteħet*, imnisslin it-tnejn mill-verb *xeħet*. Xi drabi l-*n* miżjuda mat-*t* ma tbiddel xejn it-tifsir tal-verb, hekk nistgħu ngħidu: *xteħet minn fuq is-sur* u *nxteħet minn fuq is-sur*, mingħajr l-ebda tibdil ta' tifsir. Iżda fil-verb

*ħtieġ* iż-żjieda ta' *n* tbiddel it-tifsir kif sa ngħidu. Il-verb *ħtieġ* flok *ħtâġ*) huwa t-tmien sura tal-verb *ħieġ* jew *ħâġ*. Iżda billi l-verb *ħieġ* fil-Malti ma jinsabx, daħal floku *ħtieġ* bħala verb tal-ewwel sura. Issa l-verb fl-ewwel sura jieħu tifsira *passiva* meta nehimżu miegħu ż-żjieda *n*, bħal: *nqatel, ntilef, nkiser* minn: *qatel, tilef, kiser*. Mela ż-żjieda *n* mehmuża mal-verb *ħtieġ* tbiddel it-tifsir minn *attiv* f'*passiv*. Biex niftiehmu aħjar: *Naħtieġ il-flus* tfisser *I require money; jinħtieġu l-flus* tfisser *money is required*. Għalhekk ingħidu: *ninħtieġ* (u mhux *naħtieġ*) *fuq ix-xogħol għax mingħajri ma jsir xejn*. Hekk ukoll għandna ngħidu u niktbu: *X'taħtieġ? X'jinħtieġ? Biex tqerr sewwa jinħtieġu ħames ħwejjeġ. Biex inqerru sewwa naħtieġu ħames ħwejjeġ*. Iżjed: flok il-participju ta' *nqatel* ninqdew bil-parti*ċ*ipju passiv ta' *qatel*. Hekk ukoll flok il-parti*ċ*ipju ta' *nħtieġ* ninqdew bil-parti*ċ*ipju passiv ta' *ħtieġ* li hu *meħtieġ*. Mela ngħidu: *Il-għaqal huwa meħtieġ* (jew *jinħtieġ) għal kullħadd.*

Mela l-verbi *ħtieġ* u *nħtieġ* għandna nagħżluhom minn xulxin skond it-tifsir li rridu nagħtuhom.

## 3. X'ĦIN *U* XĦIN.

Ħaġa żgħira, imma tagħrifa ċkejkna mhix żejda. Aħjar niktbu: *x'ħin* meta rridu ngħidu *x'ħin hu*, u niktbu: *xħin* meta hi preposizzjoni. Hekk: *X'ħin hu? Xħin ġejt? Ġejt xħin tlaqt int.*

U hawn irrid nagħti twissija. Xi drabi l-kittieba jħawwdu bejniethom: *xħin* u *meta*, u jgħidu: *Jien ħriġt meta daħal ħija*. Ħażin. *Xħin* tfisser medda żgħira ta' żmien, ngħidu aħna, ta' siegħa; *meta* tfisser medda aktar twila, jum, ġimgħa, xahar, sena. Il-mistoqsija: *Xħin ġejt?* titlob dit-tweġiba: *Fis-sebgħa. F'nofsinhar. Bil-lejl. Fis-siegħa.* Iżda l-mistoqsija: *Meta ġejt?* trid tweġiba bħal din: *Il-bieraħ. Nhar it-Tnejn. Il-ġimgħa l-oħra. Bħal għada xahar.* Għalhekk ħażin niktbu: *Meta beda jberraq għalaqt it-tieqa. Meta ġejt għandek kont għadek kemm ħriġt. Stenbaħt meta l għasafar bdew ipespsu.*

P. P. Saydon.

# EŻAMIJIET TAL-MALTI

## 1. EŻAMI GĦAD-DĦUL FID-DWANA

27 Settembru 1935

I. *Komponiment*: (Agħżel wieħed minn dawn is-suġġetti.)

a) Ikteb storja biex turi li "aħjar għasfur f'idek minn tnejn fis-siġra".

b) Wara ġimgħa temp ħażin, b'xita, bard u riħ, sebaħ jum sabiħ b'sema bla sħab u xemx tiddi; ħriġt mid-dar biex indur dawra qalb l-egħlieqi.

c) Ikteb ittra lil ħabib fl-Amerka u għidlu xinhu jingħad u xinhu jsir hawn Malta minħabba t-taħwid bejn l-Italja u l-Abissinja.

II. *Grammatka:* (Jitwieġbu erbgħa mill-ewwel sitta, u l-aħħar waħda.)

a) Fisser kif xi konsonanti jbiddlu leħinhom meta jkunu f'tarf il-kelma, jew meta jkollhom konsonanti oħra warajhom. Kif nagħarfu jekk konsonanti għandhiex leħinha mibdul jew le?

b) Xinhu l-għerq tal-verb? Liema hu l-għerq ta' dawn il-verbi: ftiehem, stenbaħ, stabat, ntesa, issieħeb, twieżen.

c) Kif jingħażlu bejniethom il-verbi ta' għamla waħda, jiġifieri, verbi li għandhom l-aħħar konsonanti siekta, bħal: *sama* u *qara*?

d) Agħti l-imperativ, tieni persuna, plural, tal-verbi: *qagħad, għaraf, xegħel, fehem, qiegħed.*

e) Fisser x'divrenzja hemm bejn: *lil ħabib* u *lill-ħabib*; *minn hawn* u *min hawn.*

f) Liema nomi ma jistgħux jieħdu l-artiklu? Nistgħu niktbu: *rajt l-oħtok; tlabt l-Alla?* Jekk le, kif għandna niktbu?

g) Sewwi fejn hu miktub ħażin: Erbgħa żagħżagħ marru jgħowmu. Kif kienu jilgħabu fil-baħar u jgħozzu, tnejn kienu sa jegħrqu. L-oħrajn li kienu ftit bgħod, ġrew lejhom u bi dbatija kbira tellgħowhom.

III. *Traduzzjoni.*

IV. *Dettatura.*

## 2. EŻAMI TAĊ-ĊIVIL

15 Ottubru 1935

I. *Komponiment:* Ikteb fuq wieħed minn dawn :—

a) Id-dawra ta' Malta bl-art *jew* bil-baħar.

b) Il-flus mhux dejjem iġibu l-hena; wettaq bi storja dal-kliem.

c) Ikteb lil ħabib tiegħek li qiegħed l-Ingilterra u ħajjru jiġi jgħaddi x-xitwa hawn Malta.

II. *Grammatika:*

1. X'ħoss għandhom fil-Malti l-konsonanti *h* u *għ*, u kif nagħarfu meta għandhom jidħlu fil-kitba.
2. Xinhi l-vokali *ie* ? Kif għandna niktbu: *jibkihom* jew *jibkiehom*; *jimlihom* jew *jimliehom*; *ħallihom* jew *ħalliehom* ? u għid il-għala.
3. Xinhu "plural sħiħ" u "plural miksur ?" Agħti eżempi ta' ħames għamliet ta' plural miksur.
4. Żid is-suffissi kollha tal-pronôm man-nôm *xogħol* u mal-verb *qiegħed.*
5. Fisser kemm il-sura għandu l-verb u xinhu t-tifsir ta' kull waħda.
6. X'divrenzja hemm bejn *ħamsa, ħames, ħamest* ? Żid il-kelmiet *snin* u *tfal* mal-għadd: *sebgħa.*
7. Sewwi fejn hu miktub ħażin u għid il-għala :

   a) Fiċċejnieh u ma sibnihx. b) Refaħħa u qiegħdha fil-but. c) Stgħageb xħin lemagħha.

Jitwieġbu erbgħa mill-ewwel sitta, u l-aħħar waħda.

III. *Dettatura.*

IV. *Traduzzjoni.*

# TAGĦRIF

## KOTBA LI BAGĦTULNA

*Comuniżmu*, miġjub mill-ingliż bil-malti mill-Chcu. E. Coleiro, B. A.: faċċ. 36, "The Empire Press", 1935. Hu r-raba' ktieb maħruġ mill-"Għakda ta' Kari tajjeb". Intennu li ktibna fil-għadd 53-54, faċċ. 30.

*Malta Missjunarja*, mill-bidu (Sett. 1932) sa Novembru 1935

*Melita Agricola*, April-Sett. 1935.

*The Teacher*, Lulju-Ott. 1935.

*Annali tal-Propaganda tal-Fidi*, Nru. 80, miktubin mis-Sur Fons Galea.

Niżżuħajr lil kullħadd.

## LILL-IMSEĦBIN

Infakkru l-imseħbin li għadhom ma ħallsux biex jibagħtulna l-ħlas tas-sena li tagħlaq fi Frar 1935. X'uħud igħidnlna: Fakkruna meta jagħalqilna l-ħlas. U aħna nfakkruhom mhux biss b'din it-taħbira, imma b'karta oħra li nibagħtulhom ġo darhom. X'uħud iwieġbu u jħallsu; oħrajn ma jwieġbu xejn u nħassru isimhom; oħrajn iwieġbu billi jgħidulna nħassru isimhom bla ma jħallsu. Ta' min hi l-ħtija?

Irġajna kabbarna l-ktieb tagħna bla ma żidna l-ħlas tal-imseħbin. Ħaġa kbira jekk dawn iħallsu fil-waqt u jħajru l-oħrajn jissieħbu u jħallsu?

Dan il-għadd ħareġ ftit imwaħħar minħabba x-xogħol tal-Antoloġija. Ta' warajh Novembru-Diċembru, joħroġ f'Diċembru malli tkun lesta l-Antoloġija.

# It-Taħdita ta' Nhar Kristu Sultan

Jisgħobbina li did-darba t-taħdita ta' Nhar Kristu Sultan ma kienet xejn tixbaħ lil ta' qabilha. Jekk qabel in-nuqqas ta' dawn it-taħditiet kien ikun fl-ortografija biss (u mhux minn dejjem) did-darba sibna żewġ nuqqasijiet mhux ta' min jaħfirhom: ortografija ħażina u malti mgħarraq.

Dan ingħiduh għax jolqotna mbilli nhar Kristu Sultan, sa issa dejjem saru taħditiet b'Malti tajjeb. Jisgħobbina ngħidu wkoll li t-tul f'taħdit mhux miktub tajjeb idejjaq iżjed.

Tgħid l-oratur ma sabx kliem bil-Malti flok: *ticconquista, id-dominanti, issollevat* (fuq l-għuda ħarxa tas-Salib) u ħafna oħrajn?

Tgħid dan ġara għax it-taħdita kienet stampata fejn jistampa ruħu *Leħen is-Sewwa* u għalhekk iddakkret minnu?

Mistoqsija oħra: Tgħid l-ortografija li biha qegħdin jidhru maqlubin bil-Malti il-kotba tal-*C.T.S.* taħt it-tmexxija ta' Father Agius, għallinqas, ma hix tajba u qaddisa aktar minn ortografija ħażina u li tfixkel il-ħidma tal-Gvern biex f'Malta titwaqqaf *Ortografija waħda*?

X'titlef il kitba reliġjuża mbilli ma tfixkelx? u x'tirbaħ jekk tfixkel?

ĠIEĦ.

**Tisħib**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja waħda sold
Għal barra minn
Malta id-doppju.

2d.